Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 227/21**
il-Lussemburgu, il-21 ta' Diċembru 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-124/20
Bank Melli Iran

# Il-projbizzjoni imposta mid-dritt tal-Unjoni tal-osservanza tas -sanzjonijiet sekondarji meħuda mill-Istati Uniti kontra l-Iran tista' tiġi invokata fi proċedura ċivili

*Għalkemm din il-projbizzjoni tkun valida anki fl-assenza ta' talba jew ta' istruzzjoni speċifika minn awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja tal-Istati Uniti, ma tistax madankollu tikser il-libertà ta' intrapriża ta' persuna li lilha tkun immirata, billi tikkawża lil dik il-persuna telf ekonomiku sproporzjonat*

Bank Melli Iran (iktar 'il quddiem "BMI") hija bank Iranjan miżmum mill-Istat Iranjan li għandha fergħa fil-Ġermanja. Hija kkonkludiet ma' Telekom, li hija sussidjarja ta' Deutsche Telekom AG, li s-sede tagħha tinsab fil-Ġermanja u li madwar nofs id-dħul mill-bejgħ tagħha ġej mill-attività tagħha fl-Istati Uniti, diversi kuntratti għall-provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet li jippermettulha twettaq l-attivitajiet kummerċjali tagħha. Fl-2018, l-Istati Uniti rtiraw mill-ftehim Iranjan dwar l-armi nukleari, iffirmat fl-2015 u li għandu bħala għan il-kontroll tal-programm nukleari Iranjan u t-tneħħija tas-sanzjonijiet ekonomiċi fil-konfront tal-Iran. B'konsegwenza ta' dan l-irtirar, l-Istati Uniti imponew mill-ġdid, permezz tal-Iran Freedom and Counter-Proliferation Act of 2012 (il-Liġi tal-2012 dwar il-Libertà u l-Ġlieda Kontra l-Proliferazzjoni fl-Iran), sanzzjonijiet fuq l-Iran, kif ukoll fuq persuni li jinsabu fuq lista [1], waħda minnhom BMI. Minn din id-data, huwa pprojbit mill-ġdid li kwalunkwe persuna jkollha, barra mit-territorju tal-Istati Uniti, relazzjonijiet kummerċjali mal-persuni li jinsabu fuq din il-lista.

Wara din id-deċiżjoni, l-Unjoni adottat ir-Regolament Delegat 2018/1100 [2] li jemenda l-Anness għar-Regolament Nru 2271/96 [3] fis-sens li jinkludi l-Liġi tal-2012 dwar il-Libertà u l-Ġlieda Kontra l-Proliferazzjoni fl-Iran. Huwa jipprojbixxi, b'mod partikolari, lill-persuni kkonċernati li jikkonformaw ruħhom mal-liġijiet annessi miegħu jew ma' atti li jirriżultaw minnhom (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5), sakemm ma jkunux awtorizzati jidderogaw minnhom, liema awtorizzazzjoni tista' tingħata mill-Kummissjoni Ewropea sa fejn in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-leġiżlazzjonijiet barranin taffettwa serjament l-interessi tal-persuni koperti mir-Regolament jew dawk tal-Unjoni (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5).

Peress li d-dritt Ġermaniż jipprevedi li "[k]walunkwe att legali li jmur kontra projbizzjoni legali huwa null sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor" [4], u wara li Telekom xoljiet, mill-2018, qabel l-iskadenzi tagħhom, il-kuntratti kollha li jorbtuha ma' BMI, mingħajr motivazzjoni espressa u mingħajr awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni, BMI kkontestat quddiem il-qrati Ġermaniżi x-xoljiment tal-imsemmija kuntratti. Fl-ewwel lok, Telekom ġiet ikkundannata teżegwixxi l-kuntratti inkwistjoni sal-iskadenza tat-termini ta' xoljimenti ordinarji. Ix-xoljiment ordinarju tal-imsemmija kuntratti minn

[1] Specially Designated Nationals and Blocked Persons List (lista ta' ċittadini nazzjonali espressament identifikati u ta' persuni li l-assi tagħhom huma imbblukkati, iktar 'il quddiem il-"lista SDN").
[2] Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1100 tas-6 ta' Ġunju 2018 li jemenda l-Anness għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 li jipproteġi kontra l-effetti tal-applikazzjoni estraterritorjali tal-leġiżlazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha (ĠU 2018, L 199 I, p. 1).
[3] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 tat-22 ta' Novembru 1996 li jipproteġi kontra l-effetti ta' l-applikazzjoni estraterritorjali tal-leġislazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 75), kif emendat bir Regolament (UE) Nru 37/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2014 li jemenda ċerti Regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri (ĠU 2014, L 18, p. 1) kif ukoll bir-Regolament Delegat (UE) 2018/1100 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament").
[4] Artikolu 134 tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili).

naħa huwa meqjus konformi mal-Artikolu 5 tar-Regolament. BMI għalhekk appellat quddiem il-Hanseatisches Oberlandesgericht Hamburg (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Hamburg, il-Ġermanja), li adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari, billi staqsietha dwar l-interpretazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-Artikoli 16 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u l-mekkaniżmu ta' awtorizzazzjoni previst mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament.

**Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja**

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala kulleġġ ġudikanti, peress li tqis li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament huwa ifformulat b'mod wiesa', tiddeċiedi, fl-ewwel lok, li l-projbizzjoni li wieħed jikkonforma ruħu mar-rekwiżiti jew projbizzjonijiet previsti minn ċertu liġijiet adottati minn pajjiż terz bi ksur tad-dritt internazzjonali tapplika wkoll fl-assenza ta' talba jew ta' istruzzjoni speċifika minn awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja immirata sabiex tiżgura l-konformità. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għanijiet tar-Regolament, li jfittxu b'mod partikolari li jipproteġu l-ordinament ġuridiku stabbilit u l-interessi tal-Unjoni b'mod ġenerali, sabiex jintlaħaq, bl-iktar miżura wiesgħa possibbli, l-għan ta' moviment liberu tal-kapital bejn Stati Membri u pajjiżi terzi, kif ukoll sabiex jipproteġi l-interessi tal-persuni inkwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva fil-fatt li, fid-dawl tat-theddida ta' konsegwenzi legali li tali liġi timponi fuq il-persuni li għalihom japplikaw bħala prinċipju tali rekwiżiti jew projbizzjonijiet, ir-Regolament ma huwiex adegwat sabiex jopponi l-effetti jekk il-projbizzjoni prevista mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 kellha tkun suġġetta għall-adozzjoni ta' istruzzjonijiet ta' awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja barranija.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-projbizzjoni prevista mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 hija fformulata f'termini ċari, preċiżi u inkundizzjonati, b'tali mod li tista' tiġi invokata fi proċedura ċivili bħal fil-każ ineżami. Hija tikkonferma mbagħad li persuna msemmija fir-regolament li ma jkollhiex awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni tista', fid-dawl tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5, ixxolji l-kuntratti li jorbtuha ma' persuna li tinsab fil-lista SDN mingħajr ma tiġġustifika tali xoljiment. Madankollu, fil-kuntest ta' proċedura ċivili li tirrigwarda l-allegat ksur tal-projbizzjoni prevista mir-Regolament, hija l-persuna li lilha tiġi indirizzata l-imsemmija projbizzjoni li jkollha tistabbilixxi kif meħtieġ mil-liġi li l-aġir tagħha, f'dan il-każ ix-xoljiment tal-kuntratti kollha, ma kienx maħsub biex jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Istati Uniti msemmija fir-regolament meta, *prima facie*, dan jidher li huwa l-każ.

Fil-każ ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li d-dritt Ġermaniż jippermetti lil parti, li ssostni li att ġuridiku huwa null minħabba l-ksur ta' projbizzjoni legali, bħal dik prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament, tinvoka din in-nullità ġudizzjarjament. Hija tikkonstata madankollu li, f'dan il-każ, l-oneru tal-prova jaqa', skont id-dritt Ġermaniż, kollu kemm hu fuq il-persuna li ssostni l-imsemmi ksur tal-Artikolu 5 tar-regolament, meta l-provi inkwistjoni ma jkunux ġeneralment aċċessibbli għaliha, fatt li jagħmilha diffiċli għall-qorti adita tikkonstata ksur tal-projbizzjoni prevista mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5, u b'hekk tikkomprometti l-effettività tagħha.

Fl-aħħar nett, fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artkoli 5 u 9 [5] tar-Regolament, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 16 u 52 tal-Karta, ma jipprekludux li xoljiment kuntrattwali jiġi annullat, sakemm tali annullament ma jwassalx għal effetti sproporzjonati, b'mod partikolari ekonomiċi, għall-persuna kkonċernata. Fil-każ ineżami, fl-assenza ta' awtorizzazzjoni fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament, ix-xoljiment inkwistjoni, jekk jirriżulta li jmur kontra l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament, ikun null fir-rigward tad-dritt Ġermaniż. Madankollu, ladarba tali annullament huwa ta' natura li jwassal għal limitazzjoni tal-libertà ta' intrapriża, dan jista' jiġi previst biss skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta.

[5] L-Artikolu 9 jipprovdi li "[k]ull Stat Membru għandu jistabbilixxi s-sanzjonijiet li għandhom jiġu mposti f'każ ta' ksur ta' xi dispożizzjonijiet relevanti ta' dan ir-Regolament. Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disswasivi".

F’dan ir-rigward, fir-rigward b’mod partikolari tal-kundizzjoni dwar l-osservanza tal-kontenut essenzjali tal-libertà ta’ intrapriża ggarantit mill-Artikolu 16 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-annulament tax-xoljiment tal-kuntratti konklużi bejn BMI u Telekom ma kienx ikollu effett li jċaħħad lil din tal-aħħar mill-possibbiltà li ssostni l-interessi tagħha b’mod ġenerali fil-kuntest ta’ relazzjoni kuntrattwali, iżda pjuttost li tillimita din il-possibbiltà. Barra minn hekk, il-limitazzjoni tal-libertà ta’ intrapriża li tirriżulta mill-annullament eventwali ta’ xoljiment kuntrattwali li jmur kontra l-projbizzjoni prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament tidher, bħala prinċipju, neċessarja sabiex topponi l-effetti tal-leġiżlazzjoni barranija, inkwistjoni, b’hekk tipproteġi l-ordinament ġuridiku stabbilit u l-interessi tal-Unjoni b’mod ġenerali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja titlob allura lill-qorti tar-rinviju tibbilanċja, fil-kuntest tal-eżami ta’ proporzjonalità tal-limitazzjoni tal-libertà ta’ intrapriża li minnha tibbenefika Telekom, it-tfittixjia tal-għanijiet tar-Regolament, miksub permezz tal-annullament tal-imsemmi xoljiment kuntrattwali li jikser il-projbizzjoni prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 ta’ dan ir-regolament, u l-probabbiltà li din l-impriża tkun esposta għal telf ekonomiku, kif ukoll il-firxa tiegħu, fil-każ fejn hija ma tkunx tista’ ttemm ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħha ma’ BMI. Bl-istess mod, il-fatt li Telekom, bla ħsara għal verifika, ma ressqitx quddiem il-Kummissjoni talba għal deroga mill-projbizzjoni stabbilita fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament huwa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ukoll rilevanti fil-kuntest ta’ dan l-eżami ta’ proporzjonalità.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta’ kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta’ att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite” (+32) 2 2964106*